# AKKADEMJA MUŻIKO-LETTERARJA

## 13 TA' LULJU 1987



## PERSONAĠĠI EWLENIN



**L-Eċċ. tiegħu Mons. Emm. Gerada**

Twieled iż-Żejtun fit-18 ta' Mejju 1920 u ordna saċerdot fis-sena 1943. Mar Ruma jistudja il-liġi Kanonika u wara ġie mibgħut fis-servizz Diplomatiku tas-Santa Sede bħala Segretarju. Huwa serva fin-nunzatura fl-Eġittu, fl-Irlanda, il-Ġappun, il-Messiku u Ruanda. Fit-18 ta' Ġunju 1967 ġie maħtur Isqof Awżiljarju ta' Malta, u sena wara sar Isqof Koadjutur ta' Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi. F'Novembru 1973, ġie maħtur Nunzju Appostoliku fil-Gwatemala u San Salvador u fl-aħħar maħtur pro Nunzju Appostoliku fil-Pakistan.



**Mons. Lawrenz Cachia B.A. Lic.D.**

Twieled Ħaż-Żebbuġ fl-1932, studja fil-Liċeo u l-Universita ta' Malta. Kien Kappillan tal-Gudja u wara Arċipriet ta' Ħaż-Żebbuġ bejn 1959 u 1984. Bħalissa qiegħed jaħdem fit-tribunal taż-żwieġijiet tal-Kurja. Kittieb ta' Poeżiji, Prosa u xogħlijiet lingwistiċi.



**Charles Taliana**

Twieled fl-Imsida fl-1938, miżżewweġ u għandu żewġt itfal. Studja fit-Technical Schools ta' l-Imrieħel u l-Hamrun fejn ha wkoll is-City and Guilds of London. Jaħdem ma ażjenda locali fil-kariga ta' "Projects Manager" fejn kellu l-opportunita wkoll li jattendi 'courses' fl-Ingilterra fil-'Middle Management'.

Beda jinteressa ruħu fil-Każin tal-Banda "Melita" fl-1958, fejn sena wara ġie elett Segretarju. F'din il-kariga, (b'xi inter-ruzzjoni żgħira) dam sal-1979. Huwa kellu sehem kbir fir-riorganizzazjoni ta' l-Għaqda kif ukoll fix-xiri tad-dar tal-Każin. Interessa ruħu wkoll biex saret riċerka biex segħtet tissawar l-istorja ta' l-Għaqda. Jirrappreżenta l-Għaqda fuq il-Kunsill tal-Band Clubs Association. Preżentament huwa t-Teżorier tal-każin.



**Mro. Raymond Cremona**

Twieled il-Belt Valletta, miżżewweġ u għandu żewġt itfal, u joqgħod l-Imsida. Beda' l-istudji mużikali tiegħu mal-Banda "King's Own" li tagħha llum huwa assistent surmast. Studja taħt diversi surmastrijiet u jdoqq diversi strumenti. Idoqq ukoll mal-band tal-Forzi Armati. Huwa kompożitur ta' diversi marċi u kanzunetti li x'uħud minnhom ħarġu rebbieħa f'Festivals kemm Malta kif ukoll barra. Wara li kien ilu assistent surmast mis-sena 1979, huwa laħaq surmast tal-Banda "Melita" ta' l-Imsida fl-1985. Huwa responsabbli għall-arranġamenti mużikali tal-lejla.

**IL-KUMMISSJONI AMMINISTRATTIVA TAL-PARROĊĊA**

u

**L-GĦAQDA MUŻIKALI MELITA**

bil-għajnuna tal-

Bank of Valletta Limited, Malta

Jippreżentaw

# AKKADEMJA MUŻIKO-LETTERARJA

taħt il-Presidenza ta'

**L-EĊĊ. TIEGĦU MONS. EMM. GERADA**

Arċisqof Titulari ta' Nomentum u Pro Nunzju fil-Pakistan

**FIL-KNISJA PARROKKJALI TA' L-IMSIDA**

NHAR IT-TNEJN, 13 TA' LULJU FIS-7.30 P.M.

fl-okkazzjoni ta'

**L-FESTA TA' SAN ĠUŻEPP 1987**

## *PROGRAMM*

| | |
|---|---|
| **Marcia Pontificia** | |
| **Introduzzjoni** | J.M. CASSAR NAUDI *President Banda Melita* |
| **Coro di Crociate e pellegrini** (Lombardi) *Opera Att 4* *"O Signore dal detto natio"* | G. VERDI |
| **Parade of the Charioteers** (film Ben Hur) *Grand March* | M. ROZSA |
| **"Il-Festi fil-Kultura Maltija"** | MONS. LAW. CACHIA, B.A. Lic.D. |
| **Cavalleria Rusticana** *Selection* | P. MASCAGNI |
| **Ave Maria** *Aria* | BACH-GOUNOD |
| **"L-Għaqda Mużikali Melita"** | CARMEL TALIANA |
| **Bells across the Meadows** *Intermezzo* | F. KETELBEY |
| **Msida** *Fantasia* | R. CREMONA |
| **Konklużżjoni** | DUN ĠUŻEPP PACE *W.R. Kappillan* |
| **Innu San Ġużepp** *Marcia* | R. CREMONA |
| **Innu tal-Banda "Melita"** *Marcia* | PHILIP GATT |
| **Innu Malti** | |

* * * * *

**Jieħdu sehem:**
**Il-Banda "Melita" ta' l-Imsida** taħt it-tmexxija tas-Surmast **Ray Cremona.**
Kantanta Solo — **Rose Ciantar**
Il-Kor **"San Tumas D'Aquino"** ta' G'Manġia taħt it-tmexxija tas-Surmast **Noel Ciantar.**

## L-IMSIDA

***Fantasija mużikali tas-surmast R. Cremona***

L-ewwel moviment jiftaħ bi tliet kolpi xotti u qawwija tal-platti, li jirrepetu ruħhom fin-noti ħelwin, iżda mkarkra u ta' swied il-qalb, qishom id-daqqiet tad-destin iebes tas-sajjieda ta' l-Imsida ta' dari li kienu jridu joħorġu jfittxu l-ħobża ta' kuljum, ikun x'ikun it-temp. Żminijiet oħra li llum bilkemm noħolmuhom. U man-noti baxxi tal-bumbarduni, iserrpu dawk tal-klarinetti, qishom djalogu bejn is-sajjieda godlija man-nisa tagħhom, xejn inqas minnhom beżlin, u lkoll foqra.

Jifthu t-tieni moviment il-qniepen. L-Imsida m'għadhiex tagħmel ma' Birkirkara, iżda saret parroċċa. Il-qniepen li nisimgħu m'humiex dawk il-kbar tal-knisja tal-lum, iżda dawk żgħar tal-knisja tal-Kunċizzjoni, il-"knisja ż-żgħira". Il-mużika, dejjem imkarkra, iġġagħlna nistħajlu lill-parruċċani ta' dari jitolbu talb monotonu u litaniji kiebja.

Jidħol hawn il-mottiv ta' l-Ave Maria ta' Lourdes, biex ifakkarna li l-ewwel titular tal-parroċċa ma' kienx San Ġużepp, iżda l-Madonna Immakulata. Iżda ma jdumx ma jibda jintiseġ ma' dal-mottiv Marjan, kwiet iżda persważiv, l-innu ta' San Ġużepp, biex ma ninsewx li sa minn dak iż-żmien il-ħsieb tal-għaqda intima tal-kbir Patrijarka ma' l-Omm ta' Alla magħmul Bniedem, kien diġa' f'moħħ il-misidjani.

In-noti ta'l-innu jitqawwew u jiżdiedu sal-final solenni li fih qisna nisimgħu il-fanfara tal-kurunetti fil-marċ tal-banda fil-festa, meta San Ġużepp joħroġ jiltaqa' magħna fil-pjazez u t-toroq.

KILIN

Ħajr lill:

Bank of Valletta Limited, Malta

Progress Press Co. Ltd.